# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru:957/2022 TA**

**Rikors fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 1281/2022, fl-ismijiet:**

**Alexander Brenner (Detentur tal-Passaport Awstrijak Numru P 7495656) Kif rappreżentat mill-mandatarju speċjali L-Avv. Damien Deġiorġio (K.I. Nru 103075M)**

**Kontra**

**TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266)**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd (is-Soċjeta' rikorrenti tad-19 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-risposta ta' Alexander Brenner (l-intimat) tas-27 ta' Ottubru 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet lill-abbli difensuri jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għal digriet fil-miftuħ

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Is-Soċjeta' rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri titlob is-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 1281/2022 fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 44(c) tar-Regolament 1215/2021EU. Dan il-mandat inħareġ bis-saħħa ta' titolu esekuttiv naxxenti minn żewġ Sentenzi tal-Qrati Awstrijaċi rispettivament datati 7 ta' Lulju 2021 (Prim Istanza) u oħra tat-3 ta' Marzu 2022 (Qorti tal-Appell ).(Ara a' fol 21 u 89).

Il-kwistjoni kollha fil-kumplessita' tagħha tirriduċi ruħha għall-argument, li dawn is-Sentenzi ma jistgħux ikunu nforzati fit-territorju tal-pajjiż mhux tal-oriġini, in kwantu dawn imorru manifestament kontra l-istrateġija pubblika ("ordre public") tal-Istat Malti. Dawn il-proċeduri huma maħsuba sabiex pendenti Kawża li diġa' ġiet presentata, l-effetti ta' dawn il-mandati jiġu sospiżi. Fil-fatt din il-Kawża tinsab pendenti bin-numru 961/2022AF. Artikolu 44(c) tar-Regolament jiddisponi hekk:

*In the event of an application for refusal of enforcement of a judgment pursuant to Subsection 2 of Section 3, the court in the Member State addressed may, on the application of the person against whom enforcement is sought:…1` <u>suspend, either wholly or in part</u>, the enforcement proceedings.* (Emfażi tal-Qorti),

Mingħajr il-ħtieġa ta' ħafna kliem żejda, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2022, Dr. Damien Deġiorġio għall-intimat Brenner iddikjara li jekk dan l-ammont jilħaq jiġi depositat, hu ma għandu l-ebda opposizzjoni li jintlaqgħu t-talbiet fir-rikors meno l-aħħar parti fejn qed jiġi mitlub li dawn il-banek u r-Reġistratur jirrilaxxaw kontijiet tas-Soċjeta' rikorrenti. Min-naħa tiegħu, Dr. Joseph Mizzi baqa' jinsisti fuq it-talbiet kollha tiegħu.

Permezz ta' nota tal-14 ta' Novembru 2022, tas-Soċjeta' rikorrenti, konsonanti mal-verbal fuq imsemmi, għarrfet li din il-Qorti li permezz ta' ċedola numru 2146/2022 il-Me Direct Bank (Malta) Ltd PLC qua sekwestratarja, ddepositat is-somma ta' mitejn u ħamsa u sittin elf, mitejn sitta u sittin punt tmienja u disgħin tal-ewro (€265,266.98) meta l-ammont li qiegħed ikun ikkawtelat bil-mandat esekuttiv huwa dak ta' € 268,868 li minnhom €226,996 huma sorte. Għalhekk fid-dawl ta' dan il-verbal u tad-depositu imsemmi, il-Qorti ser tkun qed tillimita ruħha għat-tieni parti tat-talbiet rikorrenti u ċioe' dik li jiġi ordnat ir-rilaxx tal-flus maqbuda.

L-artikolu 44(c) fuq imsemmi dan ma jippermettihx. Kull ma tista' tagħmel il-Qorti tissospendi l-effetti tal-mandat f'parti jew kollu kemm hu. Pero' fl-istess ħin, tenut kont li ħlief għad-differenza ta' kważi tlett elef ewro, l-ammont kawtelat jinsab depositat. Dan ifisser, li l-intimat pendenti, l-proċeduri stitwiti mir-rikorrent, għandu moħħu mistrieħ li l-ammont kannonizzat mill-Qrati awtrijaċi qiegħed hemm.

Il-Qorti tfakkar, li artikolu 48 tar-regolamenti jiddisponi li *The court shall decide on the application for refusal of enforcement without delay.* Għalhekk, kemm

għaliex l-intimat huwa kważi suffiċjentement kawtelat u anke għaliex il-proċeduri istitwiti ma jistgħux idumu, il-Qorti tħoss, li r-rikorrent jista' jsoffri aktar preġudizzju mill-intimat, kieku kellha tiċħad għal kollox it-talbiet tiegħu.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrent u tissospendi l-effetti tal-mandat hekk kif appena tiġi depositata somma, li tirrefletti d-differenza bejn l-ammont fil-mandat u dak li diġa' jinsab depositat, filwaqt li kull ammont depositat, ma jistax jinġibed, jekk mhux skont l-eżitu tal-Kawża stitwita mir-rikorrent.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jiġi notifikat lir-reġistru tal-Qorti biex jagħmel dak li titlob il-liġi.

**Illum 19, ta' Diċembru, 2022**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**